



NOTA

**fuq il-prattiki tal-infurzar tal-Artikolu 8(8) tar-Regolament (KE) Nru 561/2006
dwar il-projbizzjoni li jittieħdu perjodi regolari ta' mistrieħ ta' kull ġimħa
f'vettura**

Din in-nota tikkonċerna l-implementazzjoni u l-infurzar tal-miżuri li jipprobixxu lis-sewwieqa milli jqattgħu perjodi regolari ta' mistrieħ ta' kull ġimħa fil-vettura, kif stabbilit fl-Artikolu 8(8) tar-Regolament (KE) Nru 561/2006¹.

Dan jistabbilixxi l-fehma tas-servizzi tal-Kummissjoni fuq din il-kwistjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biss hija kompetenti biex tinterpretar b'mod awtorevoli d-dritt tal-Unjoni.

Kuntest

Il-Kummissjoni għiet infurmata f'diversi okkażjonijiet li waqt il-kontrolli mal-ġenb tat-triq, xi awtoritajiet nazzjonali kienu qed jitkolli lis-sewwieqa biex jipprovdu evidenza, bħal kontijiet tal-lukandi, biex jagħtu prova li qattgħu l-perjodi regolari ta' mistrieħ tagħhom ta' kull ġimħa f'akkomodazzjoni adegwata barra mill-vettura.

Qafas legali

L-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) Nru 165/2014² dwar it-takografi fit-trasport bit-triq jipprovdha lista eżawrjenti tar-rekords li sewwieq għandu jgħorr miegħu u jippreżenta meta jintalab minn uffiċjal tal-kontroll. Dawn huma: il-folji tar-reġistrazzjoni, il-kard tas-sewwieq, jekk dan ikollu waħda, u kwalunkwe rekord manwali u kopja stampata (fil-każ tat-takografi analoġiċi), jew kwalunkwe rekord manwali u kopja stampata u l-kard tas-sewwieq (fil-każ tat-takografi diġitali)³.

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1).

² Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1).

⁽³⁾ Skont l-Artikolu 36(3), jekk sewwieq jonqos milli jippreżenta dawn id-dokumenti, l-uffiċjal tal-kontroll jista' jirrikjedi wkoll dokumenti oħra ta' sostenn li jiġiustifikaw in-nonkonformità ma' dispożizzjoni.

L-Artikolu 34(3) tar-Regolament (UE) Nru 165/2014 jispeċifika li l-Istati Membri ma jistgħux jimponu rekwiżit fuq is-sewwieqa li jippreżentaw formola li tagħti xhieda tal-attivitajiet tas-sewwieqa meta ma jkunux fil-vettura.

L-Artikolu 4(6) tad-Direttiva 2006/22/KE⁴ jistabbilixxi obbligu ta' assistenza bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-verifikasi tal-konformità mar-regoli dwar il-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ.

“Jekk, fi Stat Membru, ir-riżultati ta' kontroll li jsir fit-triq fuq ix-xufier ta' vettura reġistrata fi Stat Membru ieħor jagħtu lil wieħed x'jifhem illi ġie mwettaq xi ksur li ma jistax jiġi stabbilit matul il-kontroll minħabba n-nuqqas ta' data meħtieġa, l-awtoritatijiet kompetenti tal-Istati Membri konċernati għandhom jgħinu lil xulxin sabiex jiċċaraw is-sitwazzjoni.”

Kjarifika

Kif spjegat fil-Mistoqsijiet u t-Tweġibiet fuq ir-regoli dwar il-ħin tas-sewqan u tal-mistrieħ⁵ (il-Mistoqsija 6) ippubblikati mill-Kummissjoni, is-sewwieqa jew l-impiegaturi jistgħu jiġu mmultati minħabba nonkonformità mal-projbizzjoni li dawn jieħdu l-perjodi regolari ta' mistrieħ (jew perjodu ta' mistrieħ ta' aktar minn 45 siegħa li jittieħed bħala kumpens) fil-vettura meta l-impiegaturi/is-sewwieqa tagħhom jinqabdu jieħdu l-perjodu ta' mistrieħ regolari ta' kull ġimgħa fil-vettura fil-ħin tal-kontroll.

Irid jiġi ċċarat li waqt il-qadi ta' dmirijiethom, l-infurzaturi mal-ġenb tat-triq jistgħu jistaqsu lis-sewwieqa fejn ikunu qattgħu l-perjodu ta' mistrieħ tagħhom ta' kull ġimgħa. Madankollu, skont l-Artikolu 34(3) tar-Regolament (UE) Nru 165/2014, l-awtoritatijiet tal-Istati Membri ma jistgħux jirrikjedu lis-sewwieqa jipprovdū dokumenti li jattestaw l-attivitajiet tagħhom meta ma jkunux fil-vettura biex jaġħtu prova tal-konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 561/2006. Għaldaqstant, l-infurzaturi mal-ġenb tat-triq ma jistgħux jimmultaw lis-sewwieqa talli ma jurux dawn id-dokumenti. Għalhekk, fil-kuntest tal-kontrolli mal-ġenb tat-triq, il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 trid tīgi verifikata abbażi tad-dokumenti msemmija fl-Artikolu 36. Dan isir mingħajr preġudizzju għas-sewwieqa li, fuq bażi volontarja, juru dokumenti oħra bħall-kontijiet ta' lukanda biex iħaffu l-kontroll mal-ġenb tat-triq.

Kif stabbilit fl-Artikolu 36(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 165/2014 u fl-Anness I tad-Direttiva 2006/22/KE, is-sewwieqa jridu jippreżentaw il-kard tas-sewwieq tagħhom, il-folji tar-reġistrazzjoni għal dak il-jum u għat-28 jum ta' qabel⁶, kif ukoll kwalunkwe rekord manwali u kopji stampati għall-istess perjodu, kull meta uffiċċjal tal-kontroll awtorizzat li jkun qed iwettaq il-kontrolli mal-ġenb tat-triq jitlob dan. Din id-data trid tkopri l-attivitajiet kollha tas-sewwieqa (eż. is-sewqan, xogħol ieħor) u l-perjodi ta' inattività (eż. id-disponibbiltà, il-pawżi u l-perjodi ta' mistrieħ) matul it-28 jum ta' qabel, irrispettivament mill-Istat Membru fejn is-sewwieq ikun ħadem u/jew ħa l-perjodu ta' mistrieħ tiegħu. Dan japplika wkoll għall-kontrolli tal-Artikolu 8(8) tar-Regolament (KE)

⁴ Id-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-kondizzjonijiet minimi għall-implementazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 u 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-transport bit-triq u li tkassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 35).

⁵ https://transport.ec.europa.eu/transport-modes/road/mobility-package-i/driving-rest-times_en

⁶ Mill-31 ta' Diċembru 2024, dan se jiżdied għas-56 jum ta' qabel f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/1054.

Nru 561/2006 li jirrikjedu lis-sewwieqa jqattgħu l-perjodu regolari ta' mistrieħ tagħhom ta' kull ġimġha f'akkomodazzjoni xierqa. Għalhekk, xejn ma jwaqqaf lill-Istati Membri milli jikkontrollaw il-konformità mal-Artikolu 8(8) tar-Regolament (KE) Nru 561/2005 għall-perjodu/i ta' mistrieħ li jkunu ttieħdu fil-ġimġħat ta' qabel u/jew fi Stat Membru ieħor, dment li dawk il-perjodi ta' mistrieħ jaqgħu fil-perjodu ta' kontroll imsemmi fl-Artikolu 36(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 165/2014.

Meta l-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri tkun tirrikonoxxi ammissjoni orali tas-sewwieq bħala prova valida biex jiġi stabbilit ksur tal-Artikolu 8(8) tar-Regolament (KE) Nru 561/2006, l-ebda dispożizzjoni f'dak ir-Regolament u lanqas fir-Regolament (UE) 165/2014 ma twaqqaf lill-awtoritajiet nazzjonali milli joħorġu multa abbażi ta' dan.

Meta jkun hemm suspectt ta' ksur tal-projbizzjoni li jittieħed perjodu regolari ta' mistrieħ ta' kull ġimġha fil-vettura, li ma jkunx jista' jiġi stabbilit minħabba nuqqas ta' *data* waqt il-kontroll mal-ġenb tat-triq, l-awtoritajiet nazzjonali huma mħegħġa jużaw il-possibbiltà ta' assistenza reċiproka stabbilita fl-Artikolu 4(6) tad-Direttiva 2006/22/KE.
